MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1452/2010

Go P.l.c. (C 22334)

Vs

European 2000 Airline Services Limited (C 18473)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u tlieta u tletin ewro u zewg centezmi (€ 533.02) minghand is-socjeta' konvenuta, in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru 21804186. U minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe` mill- 11 ta` Settembru 2008, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u tlieta u tletin ewro u zewg centezmi (€ 533.02), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------